

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/2015

tat-18 ta' Novembru 2021

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 1352/2014 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1352/2014 tat-18 ta' Diċembru 2014 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 1352/2014.
- (2) Fid-9 ta' Novembru 2021, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 2140 (2014) żied tliet persuni fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.
- (3) L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1352/2014 għalhekk jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1352/2014 huwa b'dan emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 365, 19.12.2014, p. 60.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Novembru 2021.

Għall-Kunsill

Il-President

Z. ČERNÁČ

ANNEX

L-entrati li ġejjin jiżiedu mal-lista li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1352/2014 (Lista ta' persuni, entitajiet u korpi msemmijin fl-Artikolu 2):

“7. **Saleh Mesfer Saleh Al Shaer** (*pseudonimi*: (a) Saleh Mosfer Saleh al Shaer; (b) Saleh Musfer Saleh al Shaer; (c) Saleh Mesfer al Shaer; (d) Saleh al Shae; (e) Saleh al Sha'ir; (f) Abu Yasser).

Kitba oriġinali: الشاعر صالح مسفر صالح

Deżinjazzjoni: Maġġur Ġenerali, “Kustodi Ġudizzjarju” ta' proprjetajiet u fondi li huma proprjetà tal-avversarji tal-Houthis. **Indirizz:** Jemen. **Post tat-twelid:** Al Safrah, Provinċja ta' Sa'dah, il-Jemen. **Nazzjonalità:** Jemen. **Nru tal-Passaport:** a) Numru tal-Jemen 05274639, maħruġ fis-7.10.2013 (Data ta' skadenza: 7.10.2019) b) Numru tal-Jemen 00481779, maħruġ fid-9.12.2000 (Data ta' skadenza: 9.12.2006) **Nru tal-identifikazzjoni nazzjonali:** a) Jemen 1388114 b) Jemen 10010057512. **Informazzjoni oħra:** Bħala “Assistent Ministru għad-Difiża għal-Loġistika” tal-Houthi, għen lill-Houthis biex jiksibu armi u armamenti kuntrabandati. Bħala “Kustodju Ġudizzjarju” hu direttament involut fl-appropriazzjoni mifruxa u illegali ta' assi u entitajiet li huma proprjetà ta' individwi privati taħt arrest mill-Houthis jew sfurzati jieħdu kenn barra mill-Jemen. Deskrizzjoni Fiżika: Kulur tal-Għajnejn: Kannella; Xagħar: Griż; Karnaġġjon: Medju; Binja: Irqiq; Tul (ft/in): Mhux magħruf; Piż (lbs): Mhux magħruf; u Klann: Membru tal-konfederazzjoni tribali tal-Hashid. Ritratt disponibbli biex jiġi inkluż fil-link web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL-KSNU: Link web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: <https://www.interpol.int/en/How-we-work/Notices/View-UN-Notices-Individuals>. **Data tad-deżinjazzjoni min-NU:** 9.11.2021.

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-ejenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Skont it-taqsima 5(g) tal-Linji Gwida tiegħu, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà stabbilit skont ir-riżoluzzjoni 2140 jagħmel aċċessibbli taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-ejenkar ta' individwi, gruppi, impriżi u entitajiet inklużi fil-lista tas-sanzjonijiet tiegħu.

Data li fiha t-taqsira narrattiva saret disponibbli fuq is-sit web tal-Kumitat: 9 ta' Novembru 2021

Saleh Mesfer Saleh Al Shaer ġie elenkat fid-9 ta' Novembru 2021 skont il-paragrafi 11 u 15 tar-riżoluzzjoni 2140 (2014) u l-paragrafu 14 tar-riżoluzzjoni 2216 (2015), minħabba li jissodisfa l-kriterji tad-deżinjazzjoni stabbiliti fil-paragrafi 17 u 18(c) tar-riżoluzzjoni 2140 (2014).

Saleh Mesfer Saleh Al Shaer involva ruħu f'atti u pprovdha appoġġ għal atti li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Jemen, inkluż billi dderieġa atti li jiksru d-dritt umanitarju internazzjonali applikabbli fil-Jemen.

Informazzjoni addizzjonali:

B'referenza għad-Dikjarazzjoni tal-Każ tal-Bord ta' Esperti tan-NU tat-28 ta' Awwissu 2019, Saleh Mesfer Saleh Al Shaer involva ruħu f'atti li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Jemen u b'hekk jissodisfa l-kriterji għad-deżinjazzjoni kif stabbilit fil-Paragrafu 17 tar-Riżoluzzjoni 2140 (2014). Filwaqt li serva bħala Assistent Ministru għad-Difiża għal-Loġistika tal-Houthis, Saleh Mesfer Saleh Al Shaer assista l-Houthis biex jiksibu armi u armamenti kuntrabandati. Huwa elenkat ukoll b'rabta mal-involvement dirett tiegħu sa minn kmieni fl-2018 fl-appropriazzjoni mifruxa u illegali ta' assi u entitajiet li huma proprjetà ta' individwi privati taħt arrest mill-Houthis jew sfurzati jieħdu kenn barra mill-Jemen, fil-kapaċità tiegħu bħala “Kustodju Ġudizzjarju” u bi ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali. Al Shaer uża l-awtorità tiegħu u network ibbażat f'Sana'a li jinkludi membri tal-familja tiegħu, qorti kriminali speċjali, il-bureau tas-sigurtà nazzjonali, il-bank ċentrali, is-servizzi ta' reġistratur tal-Ministeru għall-Kummerċ u l-Industrija tal-Jemen, u xi banek privati sabiex b'mod arbitrarju jcahhd mill-pussess tal-ġid tagħhom individwi u entitajiet privati mingħajr ebda proċess ġudizzjarju dovut jew possibbiltà ta' rimedju.

8. Muhammad Abd Al-Karim Al-Ghamari (*pseudonimi*: (a) Mohammad Al-Ghamari).

Kitba oriġinali: الغماري محمد عبدالكريم

Deżinjazzjoni: Maġġur Ġeneral, Kap Kmandant tal-Houthi. Indirizz: Jemen. Data tat-Twelid: a) 1979; b) 1984. Post tat-twelid: Izla Dhaen, Distrett ta' Wahha, Provinċja ta' Hajjar, il-Jemen. Nazzjonalità: Jemen. Informazzjoni oħra: Il-Kap Kmandant tal-Houthi għandu rwol ewlieni fl-organizzazzjoni tal-isforzi militari tal-Houthis li qed jheddu direttament il-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Jemen, inkluż f'Marib, kif ukoll l-attakki transkonfinali kontra l-Arabja Sawdija. Ritratt disponibbli biex jiġi inkluż fil-link web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: Link web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: <https://www.interpol.int/en/How-we-work/Notices/View-UN-Notices-Individuals>. **Data tad-deżinjazzjoni min-NU:** 9.11.2021

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-ejenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Skont it-taqsima 5(g) tal-Linji Gwida tiegħu, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà stabbilit skont ir-riżoluzzjoni 2140 jagħmel aċċessibbli taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-ejenkar ta' individwi, gruppi, impriżi u entitajiet inklużi fil-lista tas-sanzjonijiet tiegħu.

Data li fiha t-taqsira narrattiva saret disponibbli fuq is-sit web tal-Kumitat: 9 ta' Novembru 2021

Muhammad Abd Al-Karim Al-Ghamari ġie elenkat fid-9 ta' Novembru 2021 skont il-paragrafi 11 u 15 tar-riżoluzzjoni 2140 (2014) u l-paragrafu 14 tar-riżoluzzjoni 2216 (2015), minħabba li jissodisfa l-kriterji tad-deżinjazzjoni stabbiliti fil-paragrafu 17 tar-riżoluzzjoni 2140 (2014).

Muhammad Abd Al-Karim Al-Ghamari involva ruħu f'atti u pprova appoġġ għal atti li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Jemen.

Informazzjoni addizzjonali:

Al-Ghamari huwa elenkat għall-involvement tiegħu fil-kampanji militari Houthi u t-tmexxija tagħhom li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Jemen u b'hekk jissodisfa l-kriterji għad-deżinjazzjoni kif stabbiliti fil-Paragrafu 17 tar-Riżoluzzjoni 2140 (2014). Al-Ghamari, bħala Kap Kmandant tal-Houthi għandu rwol ewlieni fl-organizzazzjoni tal-isforzi militari tal-Houthis li qed jheddu direttament il-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Jemen, kif ukoll l-attakki transkonfinali kontra l-Arabja Sawdija. Dan l-aħħar huwa ħa fidu l-attakk tal-Houthi fuq skala kbira kontra t-territorju miżmum mill-gvern tal-Jemen fil-provinċja ta' Marib. L-attakk ta' Marib qed jiggrava l-kriżi umanitarja tal-Jemen, peress li jqiegħed madwar miljun persuna vulnerabbli spostati internament f'riskju li jerġgħu jiġu spostati, iwassal għall-mewt ta' persuni ċivili, u qed jikkawża eskalazzjoni usa' tal-konflitt.

- Al Estiklal profile- "Muhammad Al-Ghamari; The Houthi Leader Who Conveyed The Iranian "Revolutionary Guards" Experience To Yemen" (<https://www.alestiklal.net/en/view/8824/muhammad-al-ghamari-the-houthi-leader-who-conveyed-the-iranian-revolutionary-guards-experience-to-yemen>) [aċċessat fid-19/Ottubru/21]
- Al Mashhad al-Yemeni (Arabic)- "Insurgency Leader Al-Huthi Appoints Prominent Commander To Lead Fighting in Al Hudaydah" (<https://www.almashhad-alyemeni.com/print~136875>) [aċċessat fid-19/Ottubru/21]
- Al Mashhad al-Yemeni (Arabic)- Rapport Għarbi dwar il-ħatra ta' al-Ghamari bħala "Kap Kmandant" f'Marib (<https://www.almashhad-alyemeni.com/195498>) [aċċessat fid-19/Ottubru/21]
- Al Manar TV- "Yemeni Chief of Staff: Ready for Long-Term War with Saudi-led Coalition States" (<http://english.manartv.com.lb/842052>) [aċċessat fid-19/Ottubru/21]
- Al Marjie (Arabic)- Profil ta' al-Ghamari- <https://www.almarjie-paris.com/1479> [aċċessat fid-19/Ottubru/21]
- Al Jazeera - "Houthis say they attacked Aramco, Patriot targets in Saudi Arabia" (<https://www.aljazeera.com/news/2021/4/15/yemens-houthis-say-attacked-aramco-patriot-targets-in-jazan>) [aċċessat fid-19/Ottubru/21]

- Human Rights Watch- “Houthi Landmines Kill Civilians, Block Aid” (<https://www.hrw.org/news/2019/04/22/yemen-houthi-landmines-kill-civilians-block-aid>) [aċċessat fid-19/Ottubru/21]
- The Missile War in Yemen: Rapport tas-Center for International and Strategic Studies (<https://www.csis.org/analysis/missile-war-yemen-1>) [aċċessat fid-19/Ottubru/21]
- Mines And IEDs Employed By Houthi Forces On Yemen's West Coast: Rapport ta' Conflict Armament Research (<https://www.conflictarm.com/dispatches/mines-and-ieds-employed-by-houthi-forces-on-yemens-west-coast/>) [aċċessat fid-19/Ottubru/21]

9. Yusuf Al-Madani

Kitba oriġinali: يوسف المداني

Titlu: Maġġur Ġeneral. Deżinjazzjoni: Kmandant tal-Ħames Reġjun Militari tal-Houthi. **Indirizz:** Jemen. **Data tat-Twelid:** 1977. Post tat-twelid: Direttorat ta' Muhatta, Provinċja ta' Hajjah, il-Jemen. **Nazzjonalità:** Jemen. **Informazzjoni oħra:** Mexxej prominenti tal-forzi Houthi u kmandant tal-forzi f'Hudaydah, Hajjah, Al Mahwit, u Raymah, il-Jemen – li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Jemen. Mill-2021, Al-Madani ġie assenjat lill-offensiva mmirata kontra Marib. Ritratt disponibbli biex jiġi inkluż fil-link web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: Link web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: <https://www.interpol.int/en/How-we-work/Notices/View-UN-Notices-Individuals>. **Data tad-deżinjazzjoni min-NU:** 9.11.2021.

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Skont it-taqsima 5(g) tal-Linji Gwida tiegħu, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà stabbilit skont ir-riżoluzzjoni 2140 jagħmel aċċessibbli taqsira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar ta' individwi, gruppi, impriżi u entitajiet inklużi fil-lista tas-sanzjonijiet tiegħu.

Data li fiha t-taqsira narrattiva saret disponibbli fuq is-sit web tal-Kumitat: 9 ta' Novembru 2021

Yusuf Al-Madani ġie elenkat fid-9 ta' Novembru 2021 skont il-paragrafi 11 u 15 tar-riżoluzzjoni 2140 (2014) u l-paragrafu 14 tar-riżoluzzjoni 2216 (2015), minħabba li jissodisfa l-kriterji tad-deżinjazzjoni stabbiliti fil-paragrafu 17 tar-riżoluzzjoni 2140 (2014).

Yusuf Al-Madani involva ruħu f'atti u pprova appoġġ għal atti li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Jemen.

Informazzjoni addizzjonali:

Al-Madani huwa elenkat għall-involviment tiegħu fil-kampanji militari Houthi u t-tmexxija tagħhom li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Jemen u b'hekk jissodisfa l-kriterji għad-deżinjazzjoni kif stabbiliti fil-Paragrafu 17 tar-riżoluzzjoni 2140 (2014). Al-Madani huwa mexxej prominenti tal-forzi Houthi u huwa l-kmandant tal-forzi f'Hudaydah, Hajjah, Al Mahwit, u Raymah, il-Jemen. Mill-2021, Al-Madani ġie assenjat lill-offensiva mmirata kontra Marib. Ir-ripożizzjonament persistenti tal-Houthi u ksur ieħor tad-dispożizzjonijiet dwar il-waqfien mill-ġlied tal-Ftehim ta' Hudaydah iddestabilizzaw belt li sservi bħala triq kritika għall-komoditajiet umanitarji u kummerċjali essenzjali. Barra minn hekk, hemm rapporti regolari ta' attacchi tal-Houthi li għandhom impatt fuq iċ-ċivili u l-infrastruttura ċivili fi Hudaydah u madwarha, u dan ikompli jaggrava s-sitwazzjoni għall-Jemeniti li qed jiffaċċaw uħud mill-ogħla livelli ta' bżonnijiet umanitarji fil-pajjiż.

- Al Masda (Arabic)- “Houthis Appoint Acting Defense, Interior Ministers, Members of Supreme Security Committee” (<https://almasdaonline.com/article/67627>) [aċċessat fid-19/Ottubru/21]
- Saba (Arabic)- Report Says Head of Al-Huthi Supreme Political Council Visits Navy Missiles Exhibition (<https://www.saba.ye/ar/news478675.htm>) [aċċessat fid-19/Ottubru/21]

- Aden Al Hadath (Arabic) - “Dissident Figure” Says ‘Abd-al-Malik Al-Huthi Has Leukemia, Identifies “Likely Successor” (<https://aden-alhadath.info/news/35501>) [*aċċessat fid-19/Ottubru/21*]
 - Kont Twitter ta’ Mohammad Ali al-Houthi- Fit-2 ta’ Frar, 2018, Al Huthi ppubblika ritratt tiegħu ma’ Yusuf Al-Madani. It-traduzzjoni tal-posts fuq Twitter bejn wiehded u ieħor hi “bilqiegħda mal-martri ħaj Abu Hussein ilbieraħ” (Abu Hussein huwa l-laqam ta’ Yusuf Al-Madani).
 - Al Jazeera- “Recordings: Houthi leaders planned general’s killing” (<https://www.aljazeera.com/news/2016/6/29/recordings-houthi-leaders-planned-generals-killing>) [*aċċessat fid-19/Ottubru/21*]
-